# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA ........................(3)

## CALTANISETTA

***Hamis ix-Xirka***

F'dan il-jum tinzamm il-purcissjoni bi sbatax-il vara li jirrapresentaw kull wahda minnhom il-mumenti tal-Passjoni u l-Mewt tas-Sinjur taghna Gesu' Kristu, jibdew mill-ahhar cena mat-tnax-il dixxiplu tieghu sad-Duluri li wahedha qed tikbi l-uniku Iben taghha.

Il-vari jibdew jingabru ghall-purcissjoni malli jibda jaqa' id-dlam u l-manifestazzjoni tibqa sejra sa l-ewwel sighat bikrin ta' l-ghada, jigifieri il-Gimgha l-Kbira. Hija tradizzjoni li ma' l-ewwel dawl tax-xemx f'Hamis ix-Xirka l-vari jigu esposti kull wahda minnhom fit-toroq tal-belt u matul il-jum jigu mzejna bil-fjuri u dawl.

Il-grupp kollu ta' sbatax-il vara, b'eccezzjoni ta' wahda (It-Traslazzjoni) huma xoghol ta' zewg artisti naplitani Francesco u Vincenzo Biangardi, missier u iben li hadmuhom lejn nofs is-seklu 800 anke jekk il-processjoni f'Caltanisetta kellha l-bidu taghha hafna zmien qabel.

Diversi banded jkomplu jghollu l-livell tal-purcissjoni bin-noti tal-marci funebri.

Il-Purcissjoni ta' Kristu l-Iswed fil-Jum tal-Gimgha il-Kbira filghaxija .

Silenzju, riha tfuh ta' incens, talb u devozzjoni huma l-elementi principali li jaghtu l-hajja lil din il-purcissjoni ta' Kristu l-Iswed. Hadd ma jaf l-origini tieghu ghax dokumenti ufficjali ma jezistux, izda jinghad li xi nies li kienu jigbru l-haxix sabuh gewwa ghar bejn zewg xemghat.

Haduh fi knisja u dan il-fatt kurjuz qanqal id-devozzjoni tan-nies lejh. Minhabba li dak iz-zmien Caltasinetta ma kellhiex qaddis protettur ghazlu lil Kristu Mislub biex ikun il-Patrun tal-Belt flimkien ma' San Mikiel maghzul aktar tard bhala Patrun tal-belt wara li bl-intercessjoni tieghu Caltanisetta giet mehlusa mill-pesta.

Ma' nzul ix-xemx, is-simulark imzejjen bi fjuri l-aktar sbieh johrog b'diffikulta' mill-bieb dejjaq tal-knisja biex jinzel fil-pjazza ta' quddiem il-knisja. Il-"Meastranza Real" tiehu postha biex tippartecipa f'din il-purcissjoni tant devota u li fiha ikun hemm is-sehem shih tal-poplu ta' Caltasinetta u ohrajn li jigu minn bnadi ohra biex iharsu l-weghda li jkunu ghamlu ma' Gesu'.



Il-fratelli libsin il-kunfratija vjola u hafjin jibdew il-kant ta' lamentazzjoni u jerfghu fuq spallejhom dan is-simulark. Jiftah b'dan il-mod il-korteo, u l-kleru flimkien ma' l-Isqof u l-kapitlu tal-Katidral jibdew din il-mixja ta' devozzjoni flimkien mal-poplu.

Il-hoss tat-tamburi fuq quddiem nett ihabbar li l-korteo ikun fil-qrib. Ma jonqsux il-partecipazzjoni tas-sindku, bl-amministrazzjoni lokali kif ukoll il-banda. Imbaghad jimxu l-poplu, min biex jaqla' xi grazzja u minn biex irodd hajr lil Alla ta' xi grazzi li jkun ircieva minn ghandu. Il-folla tkun kbira u numeruza. Min ma jsegwix il-purcissjoni juri sinjali ta' gabra fit-talb waqt li tkun ghaddejja ix-xbiha ta' Kristu l-Iswed. Id-daqq tal-banda u l-kant tal-fratelli ikunu alternat.

Ghalkemm din il-purcissjoni ftit fiha pregju artistiku, hija mistennija b'herqa kbira mill-poplu nissen biex idur lejn Kristu is-Sinjur u l-Protettur tal-Belt ta' Caltasinetta u s-Salvatur tal-bnedmin. Mill-gallariji u t-twieqi mzejna bi drapp appposta, jitfghu fjuri b'devozzjoni waqt li jkun ghaddej il-kurcifiss.
Wara li jghddi mit-toroq kbar u zghar tac-centru, is-simulark jerga' lura lejn il-knisja fejn l-Isqof jghid l-ahhar talbiet.

## *Sibt il-Ghid*

In-nies ta' Caltanisetta, is-Sibt filghaxija jiccelebraw dak li huma jsejhulha bid-djalett taghhom is-"scinnenza" jew ahjar l-inzul ta' Kristu minn fuq is-Salib. Din jaghtuha l-hajja billi xi zaghzagh jahdmu dramm fuq it-tbatija u l-mewt ta' Kristu tul it-triqat tal-belt. Id-dawl, l-effetti teknici u ix-xenografija jaghmlu minn din l-manifestazzjoni , avveniment artistiku hafna. F'hafna mumenti l-banda tesegwixxi marci funebri biex hekk wiehed aktar jidhol fl-ispirtu ta' l-okazzjoni.

## *L-Ghid*

Tradizzjonalment din ir-rappresentazzjoni sagra kienet issir nhar is-Sibt, lejliet il-Ghid. L-attendenza tan-nies dejjem inkoraggit li din il-manifestazzjoni tibda issir minn sena ghal sena izda dan il-fatt flimkien ma' talba tal-Kleru, sar suggeriment biex dan isir nhar it-Tnejn u it-Tlieta tal-Gimgha Mqaddsa.

L-Ghid Mqaddes jara l-Ghadqa tal-Real Maestranza" tingabar kmieni quddiem il-Katidral fejn akkompanjata mill-Banda jitilqu lejn il-palazz arciveskovili halli jakkumpanjaw lil Isqof ghac-celebrazzjoni Paskwali. Malli l-Isqof johrog mill-palazz tieghu, jigi milqugh bid-daqq tat-trombi. Wara jsir bdil ta' awguri bejn dawk presenti. L-insinji tal-" Maestranza" huma issa bojod biex jindikaw il-ferh u okazzjoni ta' festa.



Wara ic-celebrazzjoni tal-quddiesa, jigu sparati xi murtali, u jittajru l-hamiem bojod simboli tal-paci. Il-Kaptan tal-"Maestranza" jaghti lura c-cavetta tal-belt lis-Sindku bhala tifsira li c-celebrazzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa issa gew fi tmiemhom. U b'din ic-ceremonja semplici taghlaq il-Gimgha Mqaddsa f'Caltanisetta.

Il-vari jsibu ruhhom mill-gdid fin-niccec taghhom biex jergghu jaraw id-dawl sena wara .